# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 1194

Kaz Nru. 1439

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Norbert Abela

u

Pharmamed Ltd.

dwar tkeccija allegata li
hi ngusta

Data: 2 ta' Mejju 2001

Chairman: is-Sur Franco Masini

## 1. Introduzzjoni

Dan il-Kaz gie riferit li-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali fil-11 ta' Mejju 2000 b'riferenza MSP/TI/33/2000 wara li l-Avukat Dr Karmenu Mifsud Bonnici kien kiteb lill-Ministru fid-9 ta' Mejju 2000 f'isem is-Sur Norbert Abela dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta minn mall-Kumpanijja Pharmamed Ltd. fit-28 ta' April 2000.

Il-Kumpanijja Appellata kienet assistita mill-Avukat Dr Joseph J. Vella. Inzammu seba' seduti.

## 2. Fatti tal-Kaz

Ma kienx hemm kontestazzjoni bejn iz-zewg partijiet dwar il-fatt li l-Appellant kien spicca mill-impieg. L-Appellant irritjena li huwa fil-fatt kien irrizenja kontra r-rieda tieghu meta kien imgieghel jaghmel hekk mill-Kumpanijja u ghaldaqstant kien jikkonsidra li fill-fatt tkecca ngustament. Il-Kumpanijja Appellata mill-banda l-ohra innegat dan u rriteniet li l-Appellant kien fil-fatt ta r-rizenja tieghu u ghaldaqstant dan it-Tribunal ma kellux jiehu konjizzjoni ta' dan il-kaz.

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal ried jikkonstata dan li gej biex jasal ghal decizjoni dwar il-kaz odjern. L-ewwel irid jigi stabbilit jekk l-Appellant fil-fatt irrizenjax mill-impieg tieghu. Jekk dan jigi ppruvat allura t-Tribunal ma jkunx kompetenti biex jisma u jiddecidi dwar il-kaz. Jekk mill-banda l-ohra rizenja ma kienx hemm allura t-Tribunal ikun kompetenti biex jezamina u jiddecidi dwar ir-ragunijiet ghall-licenzjament tal-Appellant.

Ghalhekk preliminarjament it-Tribunal beda biex jezamina l-fatti dwar l-allegata rizenja tal-Appellant. It-Tribunal ezmina l-formula tal-ETC li tittratta t-tmiem tal-impieg. Ir-raguni ghat-tmiem hija mnizzla cara li hi *"resigned"*. Il-formula hija iffirmata mill-*HR Manager*, is-Sur Zerafa, u mill-Appellant li kkonferma l-firma tieghu. Fuq bazi ta' din il-formula l-Kumpanijja Appellata tirritjeni li l-formula hija konferma tar-rizenja verbali tal-Appellant. It-Tribunal fl-assenza ta' rizenja bil-miktub ried jassigura ruhu li rizenja fil-fatt kien hemm.

Jirrizulta mix-xhieda tas-Sur Hawke Sie, l-*General Manager* tal-Kumpanijja Appellata, li l-Appellant kien allegatament responsabbli ghal xi rregolaritajiet serji fil-laboratorju tal-Kumpanijja li seta' kellhom effett gravi peress li l-Kumpanijja tipproduci medicini. L-Appellant gie msejjeh fl-ufficcju tal-istess *General Manager* nhar il-Gimgha 28 ta' Mejju 2000 fejn gie rinfaccjat bl-allegati rregolaritajiet u fejn gie mgharraf li ma kellux jirrapporta iktar ghax-xoghol min-nhar it-Tnejn ta' wara. Skond il-*General Manager* l-Appellant kien offrut zewg alternattivi: dik li jirtira mix-xoghol u l-Kumpanijja tikkompensah b'xi mod finanzjarjament u kollox jispicca b'wicc il-gdid, jew li jitkecca bil-konsegwenzi spjacevoli ghaz-zewg

partijiet. Meta l-Appellant hareg mill-ufficju ta' Mr Sie dana ma kellux idea liema alternattiva kien se jaccetta s-Sur Abela. Id-diskors bejn Mr Sie u s-Sur Abela sar *a quattr'occhi* izda t-tnejn qablu sostanzjalment f'dak li ntqal.

Sussegwentement is-Sur Abela gie skortat mill-ufficju tal-*General Manager* mis-Sur Lawrence Zerafa, l-*Human Resources Manager*, li gie mghajjat apposta. Kien jidher lil dan ta' l-ahhar li l-Appellant ma kienx se jibqa jahdem mall-Kumpanijja Appellata. Is-Sur Zerafa akkumpanja lill-Appellant sal-Laboratorju biex taht is-supervisjoni tal-*Manager* tieghu s-sur Zahra, jigbor l-oggetti privati tieghu. Wara l-Appellant mar fl-ufficcju tal-istess *HR Manager* biex jiffirma d-dokumenti necessarji. Meta giet biex timtela l-parti tal-formula fejn hemm imnizzla r-ragunijiet ghat-tmiem tal-impieg s-Sur Zerafa qallu "fil-kaz tieghek ghandek *choice*, jew *resignation* jew *dismissal*, ghax l-ebda wahda mill-ohrajn ma tapplika". L-ghazla ghamilha l-Appellant li mmarka "*resigned*" u ffirma l-formula.

Ma hemm l-ebda dubju li l-Appellant kien iffirma l-formula tal-ETC li fil-fatt tikkonferma rizenja. Li ried jaccerta ruha t-Tribunal huwa jekk ir-rizenja kienitx wahda genwina u maghmulha volontarjament. Jidher car li r-rizenja ma kienitx rizultat ta' xi decizjoni unilaterali tal-Appellant li ma riedx jibqa jahdem mall-Kumpanijja Appellata. Il-kaz skatta meta l-*General Manager* baghat ghall-Appellant u rrinfaccjah b'irregolaritajiet gravi allegatament kommessi minnu. Hemm gie moghti l-ghazla facli ta' rizenja u l-ohra iebsa ta' tkeccija. Li hu zgur, gie mgharraf l-Appellant, kien li ma kellux jirrapporta iktar ghax-xoghol. Id-decizjoni kienet giet mehudha.

Dan it-Tribunal huwa xettiku hafna dwar rizenji li jidhru sfurzati. Ma hemm xejn hazin li f'cirkostanzi simili l-haddiem jigi offrut li minflok licenzjament ikollu c-cans li jirrizenja . Izda biex jitnehha kull dubju dwar kunsens li mhux vizjat bi pressjoni ntollerabbli t-Tribunal jidhirlu li l-haddiem ghandu jinghata zmien ragonevoli biex jiddecidi. Dan ghaliex decizjoni hekk vitali ghall-ghixien tieghu ghandha tittiehed fis-serenita u l-kalma wara li l-haddiem ikollu cans jikkonsulta ruhu u jiehu l-pariri necessarji. Mill-banda l-ohra jekk il-haddiem jigi rinfaccjat b'ghazla immedjata, instantanja u hafna drabi inaspettata t-Tribunal jibza li decizjoni libera ghal kollox ma jistghax ikun hemm.

**4. Decizjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal Industrijali jiddecidi li rizenja mehuda liberament min-Norbert Abela ma kien hemm. Jiddecidi wkoll illi l-kaz ghandu jitkompla billi t-Tribunal jisma u jiddecidi l-kaz fuq bazi li l-Appellant gie licenzjat ghal raguni li allegatament mhix gusta.

Franco Masini
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja